# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 313/22 TA**

**Polidano Brothers Limited [C-8884]**

**vs**

**Aġenzija tal-Infrastruttura Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Polidano Brothers Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tas-7 ta' Marzu 2022;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' intimata tal-11 ta' Marzu 2022;

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Bil-proċeduri odjerni għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors, is-Soċjeta' rikorrenti qegħdha titlob li l-Awtorita' intimata tiġi miżmuma permezz ta'

mandat ta' inibizzjoni milli b'xi mod tassenja l-kuntratt relattiva għal sejħa għall-offerti bin-numru *IMT012/2021 bl-isem Tender for Construction and Extension of Marsamxett Ferry Landing Place, including the Construction of the Breakwater, Slipway, Jetty, Boat Hardstanding Area, Waiting Facilities, Gangways and Fenders*

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-abbli difensuri issottomettew dwar il-ħtiġiet proċedurali ddettati minn artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, inkwantu li t-talbiet qegħdin isiru kontra Awtorita' pubblika, li ma hemm ebda dubbju hija parti mill-Gvern ta' Malta. Għalhekk, din il-Qorti għandha qabel xejn tinvesti dan il-punt għaliex jekk l-Awtorita' intimata għandha raġun fuq din il-kwistjoni, allura l-proċeduri jieqfu hawn.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li minkejja l-frekwenza ta' talbiet li jsiru biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni, dan ma jneħħi xejn minn natura proċedurali speċjali ta' din il-proċedura. Li persuna tinżamm milli jagħmel xi ħaġa pendenti kawża li biha tkun ġiet dedotta l-pretensjoni, hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kulħadd għandu liberament jaġixxi kif jidhirlu l-aħjar salv jekk b'tali aġir ikun ser jirreka preġudizzju lil ħadd ieħor.

Għalhekk ġie ribadit kemm-il darba minn dawn il-Qrati li "Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet

fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.” (Ara **digriet tas-7 ta` Lulju 2016 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 762/2016 JZM fl-ismijiet: L-Avukat Cedric Mifsud nomine kontra Iannelli Ferdinando Passaport AA 3597279 proprio et nomine per Imħallef Joseph Zammit Mckeon**).

Aktar minn hekk huwa ben stabbilit illi l-liġijiet ta’ proċedura “si debbono osservare alla lettera e non per equipollens” (**Vol XVIII pI p879**). Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta’ ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi u ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B’mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata ‘ex officio’”((**Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421;** Ara ukoll **Rikors numru 75/15 PC Geswalda Caruana v. Francis Xerri tat-28 ta’ April 2017**). Fi ftit kliem meta l-proċedura hija ċara u ma tħallix lok għall-interpretazzjoni, il-Qorti għandha idejha marbutin billi taċċerta li din tkun ġiet segwita ad unguem.

Għalhekk fid-dawl ta’ dak appena osservat huwa obbligu ta’ din il-Qorti li teżamina, jekk proċeduralment ġewx sodisfatti l-elementi kollha rikjesti minn artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan qed jingħad, peress dak li qed jintalab huwa dirett lejn Awtorita’ Pubblika bħal ma fil-fatt hija l-Aġenzija intimata. Fis-smiegħ ta’ dan il-mandat ebda persuna mill-Aġenzija intimata ma resqet jew ġiet mitluba tersaq biex tagħmel dak li

jesiġi l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. L-abbli avukat tas-Soċjeta' rikorrenti argumenta, li l-fatt li fir-risposta tagħha l-Aġenzija intimata ma qalet xejn bil-mod li trid il-liġi jirrizulta pero' li dak li ntqal fir-risposta għandu jissodisfa l-vot tal-liġi.

Il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha opportunita' li tesprimi ruħha fuq dan il-punt fid-digriet tagħha fl-atti tar-rikors ta' **Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1751/2020TA flismijiet Il-Malta Association of Professional Engineers [MAPE] -vs- Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et tal-5 ta' Jannar 2021** u kif ukoll fid-**Digriet fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1509/12/2 fl-ismijiet ProCare Ltd -vs- Central Procurement and Supplies tal-25 ta' Ottubru 2021**).

Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*Il-qorti* ***m'għandha*** ***toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern*** *jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali* ***tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir****, u l-qorti tkun sodisfatta,wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma*." (Emfażi tal-Qorti.)

Il-Qorti eżaminat l-atti u minn imkien ma rriżultalha li dak li espressament trid din il-parti tal-liġi ġiet sodisfatta. Ai fini ta' dan l-element partikolari, l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti, indipendentement minn kull argument ieħor, huwa wieħed prettament formalistiku, li jikkonsisti biss fl-aċċertament li tali konferma saret bil-mod li titlob il-liġi. Il-liġi ma tiddisponix biss x'għandu jingħad iżda **anke l-mod** kif ghandu jingħad. Trid issir dikjarazzjoni fil-miftuħ quddiem il-Qorti. Il-Qorti ma tistax tiddeżumi iżda jrid ikollha dikjarazzjoni li issir quddiemha imqar bil-fomm li pero' dejjem ikun aħjar li tiġi verbalizzata. Di fatti din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażjoni f'sitwazzjoni bħal din fejn it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġie miċħud propju għalhekk (**Ara Digriet datat 25 ta' Ottubru, 2021 Rikors Numru 1515/21 TA fl-ismijiet Dr. Peter Gatt -vs- Is-Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni et**).

L-Awtorita' intimata kienet presenti u rappresentata u ma għamlet ebda dikjarazzjoni bħal din minn jeddha fil-miftuħ. Minn naħa l-oħra, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-kontroparti milli titlob li ssir din id-dikjarazzjoni. Li kieku intalbet, l-Awtorita' intimata kien ikollha bil-fors tagħmilha, fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi. F'sitwazzjoni simili, huma l-partijiet interessati li għandhom jaraw x'titlob il-proċedura. Fin nuqqas, mhux akkonsentit li din il-Qorti tiġbed konklużjoni naħa jew oħra, għaliex dak li titlob il-liġi huwa ċar, espress u tassattiv. Il-Qorti ma tistax tiddeżumi x'għandha f'moħħha l-

Awtorita' mid-dibattitu li jkun sar waqt is-smiegħ u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq.

Dan ifisser kemm għaliex il-vot tal-liġi ma ġiex osservat u kif ukoll b'konsistenza mad-digrieti tagħha fuq dan il-punt, fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma għandha ebda għażla ħlief dik li tiċħad it-talba tas-Soċjeta` rikorrenti.

Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar, li kif persistentement għallmu dawn il-Qrati, ċ-ċaħda ta' dan ir-rikors ma jfissirx li b'daqshekk is-Soċjeta' rikorrenti ma għandhiex raġun u bl-istess mod kieku kien milqugħ ma jfissirx li għandha raġun fil-mertu.  Kwistjoni bħal din trid tkun deċiża minn dik il-Qorti li tiġi adita appositament biex tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-pretensjoni b'mod approfondit.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tiċħad it-talbiet rikorrenti u konsegwentement tħassar u tirrevoka l-ordni proviżorja tagħha tat-8 ta' Marzu 2022.

Spejjes a' karigu tas-Soċjeta' rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum 15 ta' Marzu, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**